**Kunsill Lokali - Il-Fgura**

# Rapport Amministrattiv
# Sena 2024

## Il-Werrej

IL-WERREJ .......... 1

IL-KUNSILL .......... 3

RESPONSABBILITAJIET TAL-KUNSILLIERA .......... 4

LAQGĦAT ĠENERALI ANNWALI .......... 6

IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL .......... 7

ILMENTI U SUĠĠERIMENTI .......... 7

KUNTATT .......... 8

LAQGĦAT .......... 8

PRESS CONFERENCES U ŻJARAT ........ 9

INIZJATTIVI OĦRA LI L-KUNSILL KIEN PARTEĊIPI FIHOM HUMA F'DAWN L-INIZJATTIVI: 9

XOGĦOL IEĦOR IMWETTAQ MILL-KUNSILL ........ 9

XOGĦOL MILL-ĦADDIEMA TAR-REĠJUN ........ 11

ATTIVITAJIET ........ 12

INIZJATTIVI ........ 16

FINANZI ........ 18

KONKLUŻJONI ........ 19

# Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura, raħal b'popolazzjoni ta' madwar 14,000 huwa magħmul minn disa' kunsilliera eletti. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, kienet immexxija mis-Segretarju Ezekuttiv bl-assistenza ta' ħames impjegati fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, bil-għan li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali. Bhala Sotto Kumitati nsibu Sotto Kumitat Finanzi, Sotto Kumitat għall-Immaniġġjar u s-Senjalazzjoni tat-Traffiku u s-Sotto Kumitat Residential Parking Scheme, Sotto Kumitat Byelaws, Sotto Kumitat Tender Adjudication Board, Sotto Kumitat Interviewing Board, Sotto Kumitat Onorifiċenzi u Sotto Kumitat Nisa` fis-Socjeta`. Dawn jiltaqgħu perjodikament.

Il-Kunsill elett matul din il-leġiżlatura beda jopera b'effett mit-1 ta' Lulju, 2019 sa 30 ta' Gunju 2024. Il-legizlatura l-gdida bdiet topera mill-1 ta' Lulju 2024. Din il-leġiżlatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sas-sena 2029, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġiżlatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

**Il-Membri tal-Kunsill sa 30 ta' Gunju 2024**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli | Sindku |
| Is-Sur Clayton Portelli Cascun | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Toshera Schembri | Kunsillier |
| Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Fava | Kunsillier |
| Is-Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Is-Sur Mark Lombardo | Kunsillier |

**Il-Membri tal-Kunsill minn 1 ta' Lulju, 2025**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| Is-Sur Darren Marmara | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| Is-Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| Is-Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| Is-Sa Josianne Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Dott Ryan Ellul | Kunsillier |

# Responsabbilitajiet tal-Kunsilliera

**Clayton Cascun Portelli – Sindku**

Onorifiċenzi, Sorveljanza Funzjonijiet tal-Kunsill Lokali Staff, Amministrazzjoni u Ħaddiema, Finanzi, Ċentru Ċiviku, Konsultazzjoni, Relazzjonijiet mal-Għaqdiet, Sigurta', Qasam Soċjali, Reklamar tat-Toroq, Bye-Laws, Proġett tal-Foss, Indafa.

**Darren Marmara - Viċi Sindku**

Żamma ta' Bankini u Accessibilta', Devoluzzjoni ta' artijiet, Awtorita' tal-Ippjanar

**Charles Bonello – Kunsillier**

Kultura u Wirt Storiku, Ambjent/Siġar, Wied Blandun, Ħidma Internazzjonali u Skambji.

**Ray Deguara – Kunsillier**

Ħarġiet mill-Kunsill, Day Centre, Anzjani

**Mark Lombardo – Kunsillier**

Koordinazzjoni ta' Jum il-Fgura u Festa tal-Parroċċa u Tiżjin tal-Milied, Edukazzjoni, Librerija Gejtu Grech, Ktieb Storja tal-Fgura

**Izak Catania De Giovanni - Kunsillier**

Innovazzjoni, Żagħżagħ, Persuni bi Bżonnijiet Speċjali

**Josianne Scicluna – Kunsilliera**

Nisa` fis-Soċjeta`, Trasport Pubbliku

**Ryan Ellul – Kunsillier**

Immaniġjar tat-traffiku, Toroq u Infrastruttura, Qasam Bini tal-Gvern, Fondi Ewropej, Proġetti Kapitali, Soft Areas

**Adrian Tanti – Kunsillier**

Sports, Servizzi (dawl, Ilma Wastewater), Ħarsien tal-Annimali

**Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill**

Bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju 2024 inżammu **tmien (8)** laqgħat li **tnejn (2)** minnhom kienu b'urġenza. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt.

**Tabella tal-attendenza tal-Kunsilliera**

L-attendenza tal-Kunsilliera matul is-sena 2024 minn Jannar sa Gunju:

| Kunsilliera | Laqgħat | Preżenti | Skuzat/a | Assenti | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Is-Sindku Pierre Dalli** | 8 | 8 | 0 | 0 | 100 |
| **Il-Viċi Sindku Clayton Cascun Portelli** | 8 | 8 | 0 | 0 | 100 |
| **Il-Kunsillier Charles Bonello** | 8 | 6 | 2 | 0 | 75 |
| **Il-Kunsillier Ray Deguara** | 8 | 8 | 0 | 0 | 100 |
| **Il-Kunsillier Ryan Ellul** | 8 | 5 | 0 | 3 | 63 |
| **Il-Kunsilliera Toshera Schembri** | 8 | 1 | 3 | 4 | 13 |
| **Il-Kunsillier Mario Fava** | 8 | 0 | 5 | 3 | 0 |
| **Il-Kunsillier Adrian Tanti** | 8 | 0 | 0 | 8 | 0 |
| **Il-Kunsillier Mark Lombardo** | 8 | 8 | 0 | 0 | 100 |

** Persentaġġ maħdum fuq il-preżenti biss

Bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2024 inżammu **tlettax (13)**-il laqgħa li **sitta (6)** minnhom kienu b'urġenza. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt.

L-attendenza tal-Kunsilliera matul is-sena 2024 minn Lulju sa Diċembru:

| Kunsilliera | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Clayton Cascun Portelli | 13 | 16 | 0 | 0 | 100 |
| Il-Viċi Sindku Darren Marmara | 13 | 7 | 1 | 5 | 54 |
| Il-Kunsillier Charles Bonello | 13 | 13 | 0 | 0 | 100 |
| Il-Kunsillier Ray Deguara | 13 | 11 | 2 | 0 | 85 |
| Il-Kunsillier Mark Lombardo | 13 | 13 | 0 | 0 | 100 |
| Il-Kunsillier Izak Catania Degiovanni | 13 | 12 | 1 | 0 | 92 |
| Il-Kunsilliera Josianne Scicluna | 13 | 11 | 1 | 1 | 85 |
| Il-Kunsillier Ryan Ellul | 13 | 7 | 3 | 3 | 54 |
| Il-Kunsillier Adrian Tanti | 13 | 6 | 5 | 2 | 46 |

** Persentaġġ maħdum fuq il-preżenti biss

## Laqgħat Ġenerali Annwali

Din is-sena saret laqgħa annwali, waħda f'April fejn ġie ppreżentat ir-Rapport Amministrattiv flimkien mar-rapporti ta' ħidma tal-Kunsilliera kif ukoll ir-rapport Finanzjarju għas-sena preċedenti.

Mal-Leġislatura l-ġdida l-eletturi l-ġodda, huma f'obbligu skond il-ligi (Art 3A - laqgħa pubblika fl-ewwel 3 xhur fejn jiġi diskuss il-pjan ta' ħidma għall-5 snin li ġejjin) li jippreżentaw pjan ta' ħidma għal dawn il-**ħames (5)** snin li ġejjin u saret laqgħa pubblika f'Settembru 2024.

Seħħet ukoll konsultazzjoni pubblika flimkien ma' Project Green f'Ottubru 2024 dwar proġett ta' 50,000 metru kwadru ta' spazju aħdar minn fejn il-futbol grawnd sal-ġnien ta' San Klement.

# Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul is-sena kalendarja 2024 saru **wiehed u ghoxrin (21)** laqgħa tal-Kunsill,li jinkludu **tmien** (8) laqgħat li saru b'urġenza. Matul dawn il-laqgħat ġew imressqa erba' mija u tmintax **(418)**-il mozzjoni.

Intbagħtu mas-**sitta u ghoxrin elf (26,000)** e-majl, ittri u korrispondenza bhal *messenger* tal-*Facebook page* tal-Kunsill, filwaqt li ġew iproċessati mal-**erba` t'elef, erba` mija u erbgħa u ħamsin (4,454)** permessi dwar xogħolijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips, *no parkings*, *boundary walls* u tħaffir ta' toroq. Kwalunkwe' ċittadin għandu l-faċilita` li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

# Ilmenti u Suġġerimenti

Matul is-sena 2024, il-Kunsill ircieva mhux iktar minn **1,270** ilment u suggeriment. Li **99.2%** ta' l-ilmenti u segerimenti gew magħluqa, filwaqt li 0.8% baqgħu ma' ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2024. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra bir-reqqa kull ilment u suġġeriment li jasal. Din is-sistema tghin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fir-rigward tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jzomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

Il-Parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-RSSL – Resource Support and Services Ltd, mill-ħaddiema tad-District Operations u kif ukoll mill-ħaddiema tar-Reġjun.

Din it-tabella turi dawn il-figuri msemmija fir-rigward tal-ilmenti u suġġerimenti għas-sena 2024.

| 2024 | ILMENTI / SUĠĠERIMENTI | PERSENTAĠĠ |
|---|---|---|
| MAGĦLUQA | 1,260 | 99.20% |
| PENDENTI | 10 | 0.80% |

1) Saru **ħames (5)** talbiet ghal-applikazzjonijiet ta' bozzoz ġodda u mal-**ħamsa u ħamsin** talba **(55)** sabiex jiġu msewwija bozoz eżistenti.

2) *Speed Humps* saru **tlettax (13)** ġodda b'kollox fi:

- Triq il-Merħba
- **Tlieta (3)** fi Triq il-Kampanella
- Triq il-Koppla
- Triq Mater Boni Consili k/m Triq San Ġorġ Preca
- Triq Mater Boni Consili k/m Triq San Pietru
- **Tnejn (2)** fi Triq Bormla
- Triq il-Liedna
- Triq Sant'Antnin k/m Triq Titu Brandsma
- Triq l-Iskola k/m Triq il-Karmnu
- Triq il-Klerku k/m Triq il-Karmnu

## Kuntatt

Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ħaj permezz ta' **seba' (7)** ħarġiet li saru bi skop kulturali, rikreattiv jew edukattiv, hekk kif deskritt fil-lista segwenti:

| | |
|---|---|
| Ħarġa Ħal-Lija | L-Erbgħa 17 ta' Jannar |
| Ħarġa L-Isla | L-Erbgħa 14 ta' Frar |
| Ħadd il-Palm - Għawdex | Il-Ħadd 24 ta' Marzu |
| Ħarġa ix-Xemxija - CPD | L-Erbgħa 17 t'April |
| Ħarġa in-Naxxar | L-Erbgħa 23 t'Ottubru |
| Ħarġa Pizza Night - The Square - Ħal-Qormi | Il-Ġimgħa 22 ta' Novembru |
| Ħarġa Tema tal-Milied - Għawdex | Il-Ġimgħa 13 ta' Diċembru |

## Laqgħat

Saru ta' l-inqas **mitejn (200)** laqgħa li organizza l-Kunsill jew li kien parteċipi fihom. Dawn kienu jinkludu laqgħat tas-Sindki u l-Viċi Sindki; mall-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Infrastruttura Malta, Transport Malta, PC Gen, ISPY, Għaqdiet tal-lokal, Perit tal-Kunsill, Avukat tal-Kunsill, *Active Ageing and Community Care*, *Data Protection Officer*, *Tenderer*, Planning Authority, Pulizija tal-Komunita`, Pulizija distrettwali, mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart

goff, kuntrattur ta' *soft areas*, kuntrattur tal-Infrastruttura (*patching*), Perit ta' Infrastruttura Malta, Ambjent Malta, Public Works, MITA, Perit tal-WSC, Dipartiment tal-Gvern Lokali, Sports Malta, Kuntratturi tar-restawr fuq diversi proġetti li saru u dawk li għadhom mhux finalizzati, kenniesa, District Operations, kuntrattur tad-dawl tat-toroq, *Accountant* tal-Kunsill, Project Green, President tar-Reġjun, Sotto Kumitati fi ħdan il-Kunsill, Cleansing and Maintenance Division, Kuntratturi tad-dwal tal-Milied u bosta residenti.

## Press Conferences u żjarat

Il-Kunsill attenda diversi konferenzi stampa, fejn dan il-kunsill laqa` konferenza waħda fi ħdan il-Fgura fejn ibbenifika minn Skema, Finanzjament-Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi.

Dan il-Kunsill kellu żjarat ukoll mill-Prim Ministru Hon Dr Robert Abela, mill-Kap tal-Oppożizzjoni Hon Dr Bernard Grech u minn Carmel Busuttil 'il-Bużu', futboller professjonali Malti.

### Inizjattivi oħra li l-Kunsill kien parteċipi fihom huma f'dawn l-inizjattivi:

- *World Down Syndrome* Day f'Marzu
- *World Autism Awareness* Day f'April
- *Fibromyalgia Awareness* f'Mejju
- *Breast Cancer Awareness* f'Ottubru
- Rigal b'imħabba f'Diċembru

## Xogħol ieħor imwettaq mill-Kunsill

- Ċentru għal matul il-jum għall-anzjani (*Day Centre*) kull nhar ta' Tlieta filgħodu mit-08:00 sa 14:00.

- Ġiet iċċelebrata ċerimonja ta' żwieġ ċivili f'Mejju mis-Sindku preċedenti Pierre Dalli fis-sala tal-Kunsill.

- Korsijiet tal-Erobika u Zumba li saru kull nhar ta' Ġimgħa esklussivament b'xejn għar-residenti tal-Fgura. Dawn saru fis-sala tal-Kunsill u kienu organizzati u mħallsa mill-Kunsill Lokali għar-residenti tal-Fgura.

- Sezzjonijiet tal-*line dancing* kull nhar ta' Erbgħa filgħodu b'xejn għar-residenti tal-Fgura.

- Kull nhar ta' Ħamis filgħodu qed isiru sessjonijiet ta' krafts mtellgħa mis-Sna Mary Cini.

- Intlaqgħu **ħamest elef, seba' mija u erbgħa u għoxrin (5,724)** talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (*Bulky Refuse*) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali.

- Minn Jannar sa Diċembru 2024 kien hemm **għaxart elef, ħames mija u erbgħa u erbgħin (10,544)** self ta' kotba mill-Librerija Pubblika.

- Kull nhar ta' Tnejn issir sessjoni mid-09:30 sa 10:30, għat-tfal ta' etajiet minn sentejn sa sitt snin Aqra Miegħi/Read with me, wieħed bil-Malti u l-ieħor bl-Ingliż.

- Isiru żewġ sessjonijiet ta' read with me oħra fil-librerija nhar ta' Erbgħa u Ħamis bejn it-15.30 u l-16.30 għat-tfal minn 7 snin 'il fuq.

- Isiru żewġ sessjonijijet ta' LifeLong learning kull nhar ta' Tnejn u Ħamis fil-binja tal-Kunsill bejn il-17.30 u t-20.30 bil-Malti u bl-Ingliż, rispettivament.

- Isiru żewġ sessjonijiet tal-Junior Science Club kull nhar ta' Erbgħa bejn l-16.00 u l-17.15 fl-iskola.

- Il-Kunsill għen ukoll fil-formazzjoni edukattiva ta' **tlettax (13)**-il student mill-MCAST bil-għan li jesperjenzaw u jitgħallmu dwar il-ħidma tal-Kunsill. Kien hemm ukoll studenta mill-MCAST li għamlet 20 siegħa ta' xogħol komunitarju fil-librerija.

- Il-Kunsill tal-Fgura ta **sbatax (17)**-il ktieb ġdid sabiex din il-librerija tibqa` taġġorna għal nefqa totali ta' madwar €100.

- Ta' spiss sar friskar tas-sinjali tat-toroq.
- Ġew mibdula diversi tabelli.
- Imtlew ħofor bit-tarmak f'diversi toroq.
- Ġie nawgurat il-Ġnien Vertikali fejn l-iskola. Żona ta' tisbieħ fejn tlesta ix-xogħol ta' ħwat li saru mal-ħajt tal-Iskola Primarja fejn sar il-*vertical garden* fi Triq is-Sur.
- Tkompla il-proġett ta' żona ta' Triq il-Pitirross, Triq l-Għasfur tal-Bejt u Triq is-Summiena fejn tbiddlu s-servizzi tal-ilma u drenaġġ, u t-toroq qed isiru bit-tarmak.
- Sar risk assessment fi Pjazza Reggie Miller fejn wara saret manutenzjoni bl-għajnuna ta' Skema mill-Gvern Lokali. Dan sar ukoll fil-Liberija Gejtu Grech.
- Tpoġġija tal-*Way Marker* fi Triq il-Karmnu.
- Is-servizz tal-Vann Elettroniku matul is-sena wassal madwar **erba' mija u għoxrin (420)** resident, minn u lejn Poliklinika u servizzi ta' saħħa fil-madwar.

## Xogħol mill-ħaddiema tar-Reġjun

Dan il-kunsill iggwadanja mix-xogħol imwettaq mill-ħaddiema tar-Reġjun. Fost ix-xogħolijiet li għamlu kien hemm:

1) *Railing* tal-ħadid mad-dawra tal-*Way Marker*.
2) Struttura tal-*gysum boards* fil-garaxx tal-Kunsill Lokali sabiex jintuża bhala *store*.
3) Grada tal-ħadid sabiex jingħalaq il-*ground* tal-*basketball* skond il-ħin.
4) Struttura tal-ħadid sabiex jintlaqa` l-ilma tax-xita fi triq partikolari.
5) *Frame* tal-ħadid sabiex jiffirmaw it-tfal u l-kunsilliera fl-inawgurazzjoni tal-*Vertical Garden* fi Triq is-Sur.

6) Struttura tal-ħadid sabiex togħla s-siġra tal-Milied li titpoġġa madwar is-siġra naturali fir-*roundabout* ta' Triq Hompesch.

7) Struttura tal-ħadid għad-*Day Centre* sabiex jinħadem in-newl.

8) Irranġar ta' bankijiet ta' fejn il-librerija sbiex jiġu nvell.

## Attivitajiet

- **Karnival - 11 ta' Frar** Quddiem il-Kunsill avveniment annwali, diversi żfin, kant, mużika u arti relatati mal-Karnival.

- **Wirja u Esebizzjonijiet**

  Ħiliet il-Fgurin – Wirja ta' Arti minn Artisti mill-Fgura

  Dawn il-wirjiet saru ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku tul ta' 3 gimgħat kull wirja matul il-ħinijiet tal-Kunsill. L-arti tikkonsisti f'pitturi u aktar, kif ukoll affarijiet maħdumin bl-idejn.

- **Ħiliet il-Fgurin No.2 - Ftuħ 13 ta' Jannar** Esebituri Victor Sammut, Yasmin Askiar u Christ Bonello.

- **Ħiliet il-Fgurin No.3 - Ftuħ 16 ta' Frar** Esebituri Joseph Francalanza, Kenneth Linwood u Censina Monreal.

- **Il-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa - Ftuħ 15 ta' Marzu** Wirja ta' vari u mudelli tal-Gimgħa Mqaddsa mill-Esebitur Keziah Ellul.

- **Mixgħela - 28 ta' Marzu** Rekord miksub bl-akbar ammont ta' xemgħat 'il fuq minn 10,000 xemgħa, b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Festa Esterna.

- **Ħiliet il-Fgurin No.4 - Ftuħ 6 ta' April** Esebituri Christian Brincat, Josef Brincat u Maria Tanti Lombardo.

- **Open day** fil-librerija nhar **it-Tlieta 16 ta' April**.

- **Festa ta' Tfal - 24 ta' April** Għat-tieni darba saret festa ta' tfal ġewwa l-Fgura. Ħadu sehem il-Banda u l-Kummissjoni Festa Esterna flimkien mat-tfal tal-Iskola tal-Fgura Primarja A u B. Saret quddiesa speċjali fil-Knisja Parrokjali u l-Kunsill ħa ħsieb din l-attivita, b'purċissjoni bil-vara mill-Iskola sal-Knisja u lura.

- **Inawgurazzjoni tal-*Way Marker* - 27 ta' April** Ġie inawgurat il-*Way Marker* wara li ġie restawrat. Saret ċerimonja u attendew diversi għaqdiet, residenti u membri parlamentari.

- **Inawgurazzjoni tal-Green Corridor - 29 ta' April** Ġie inawgurat progett li sar għat-tisbieħ ta' madwar l-iskola sabiex jitgawda mir-residenti tal-Fgura. Tħawlu pjanti fil-*vertical garden* ta' Triq it-Tagħlim u sar ukoll *green corridor* fi Triq is-Sur. Bankijiet ġodda, manutenzjoni tal-paviment u tisbieħ.

- **Ftuħ ta' *Day Centre* fil-Kunsill - 7 ta' Mejju** Żjara mis-Segretarju Parlamentari.

- **Riċeviment tal-Festa – 27 ta' Gunju** F'din l-okkażjoni ġie nawgurat l-arblu l-ġdid fuq il-bejt tal-binja tal-Kunsill.

- **Laqgħa Nisa` fis-Soċjeta`** - **25 ta' Lulju** L-ewwel laqgħa ddedikata lin-nisa` fejn ġew mistiedna jitkellmu l-Onor. Alison Zerafa Civelli u fost nisa` oħra membri Parlamentari.

- **Attivita` għal trasport alternattiv u rilassament f'Għawdex - 8 ta' Awwissu** Intuża il-*fast ferry* minn Bormla għall-Belt Valletta u mill-Belt Valletta għal Għawdex. Ġewwa Għawdex, intużat il-*Hop On Hop Off Bus.*

- **Nisa fis-Socjeta' – 30 ta' Awwissu** Inkluzjoni fejn kienet mistiedna l-President Emeritus Marie-Louise Coleiro Preca.

- **L-Imdina – 20 ta' Settembru** fejn saret zjara lill-attrazzjonijiet ta' *The Knights of Malta* u *Mdina Experience.*

- ***Car Free Day* – 22 ta' Settembru** Attivita` li saret quddiem il-Kunsill fejn ġew magħzula CPD sabiex jagħmlu *demonstration*, *Police K9 Dog Section* u fost oħrajn.

- **Nisa` fis-Socjeta` – 27 ta' Settembru** Sessjoni ta' Hatha Yoga.

- **Birgu *by Night* – 11 ta' Ottubru** Fejn saret żjara l-Forti Sant'Anġlu.

- **Ħiliet il-Fgurin No.5 – Ftuħ 12 ta' Ottubru** Esebituri Michael Curmi, Sylvana Cutajar u Marlene Grech.

- **Jum il-Fgura – Saru 4 attivitajiet matul l-aħħar ġimgħa ta' Ottubru - 22 ta' Ottubru u 24 ta' Ottubru** – Ġie ċċelebrat Jum il-Fgura fl-Iskola Primarja A u B fejn waqt l-assembly ingħata tagħrif dwar postijiet ta' nteress fil-lokal, b'rabta ma' konkors ta' kotba, poeżija u kreattivita`. Ħadu sehem it-tfal tal-iskola.

- **Jum il-Fgura Kunċert – 25 ta' Ottubru** Kunċert fil-Knisja Parrokjali tal-Fgura bl-isem 'Let There Be Music', fejn gew mogħtija l-għotjiet tal-Onorifiċenzi li ġew preżentati mill-Kunsilliera.

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Clayton Cascun Portelli | Is-Sur Pierre Dalli | Ġieħ il-Fgura |
| Is-Sur Darren Marmara | Is-Sur Michael Micallef | Ħajr il-Fgura |
| | Is-Sa Toshera Schembri | Rikonoxximent |
| Is-Sur Charles Bonello | Is-Sur Louis Cutajar | Ħajr il-Fgura |
| | Is-Sur Kevin Saliba | Stilel Fgurin |
| Is-Sur Ray Deguara | Is-Sur Oreste Alessandro | Ħajr il-Fgura |
| | Is-Sur Leonard Zerafa | Rikonoxximent |
| Is-Sur Izak Catania De Giovanni | Is-Sur Silvio Pamis | Ħajr il-Fgura |
| | Is-Sa Carmen Grech | Rikonoxximent |
| Is-Sa Josianne Scicluna | Is-Sur Mario Fava | Ħajr il-Fgura |
| | Is-Sur Joseph Sciberras | Rikonoxximent - Post Mortem |
| Is-Sur (Dr.) Ryan Ellul | Is-Sur Kaden Lagana | Stilel Fgurin |
| | Is-Sa Miriam Scicluna | Rikonoxximent - Post Mortem |
| Is-Sur Adrian Tanti | Is-Sur Charles Vella | Stilel Fgurin |
| | Is-Sur Carmelo Parascandolo | Rikonoxximent - Post Mortem |

- **Jum il-Fgura – 27 ta' Ottubru** Korteo li telaq minn quddiem il-Każin tal-Banda sal-Knisja Parrokjali. Wara l-quddiesa saret ċerimonja ta' Jum il-Fgura fi Pjazza Reggie Miller.

- **Cancer Awareness Activity – 30 ta' Ottubru** Laqgħa fejn ġew mistiedna Hospice, Europa Donna u Marigold.

- **Diversita` – 15 ta' Novembru** L-ewwel laqgħa dwar diversita`.

- ***Wellness Holistic Approach towards Nature, Educational Talk, Mindfulness Session & Learning Using Herbs* – 16 ta' Novembru** Attivita` fejn saret ġewwa għalqa fiż-Żurrieq.

- ***European Week for Waste Reduction* – 19 ta' Novembru** Attivita` ġewwa l-Iskola Primarja A u B tal-Fgura fejn waqt l-*assembly* tkellmu mal-istudenti sabiex minn eta` zgħira juruhom li mill-fdalijiet tal-ikel li ser ikun qed jitpoġġa f'kontenituri apposta, dan isir kompost.

- **Inawgurazzjoni tal-Mixgħela tad-dawl tal-Milied – 27 ta' Novembru** Ġew mistiedna l-President tar-Reġjun u l-Kummissjoni Festa Esterna fejn flimkien marru jixgħelu s-siġra u d-dawl tal-Milied. Wara ġew lura l-Kunsill sabiex issir preżentazzjoni u nqasam kejk tal-okkażjoni.

- **Nisa fis-Socjeta` – 29 ta' Novembru** Inżammet attivita` *Christmas Crafts Workshop*.

- **Kors tar-Roti – 30 ta' Novembru** Laqgħa ma' dawk il-parteċipanti li bbukjaw sabiex jibdew jattendu l-kors tar-rota.

- **Il-Wirja Twelid il-Messija – Ftuħ 1 ta' Diċembru** Wirja ta' presepji differenti mill-Esebitur Keziah Ellul. Din is-sena hadu sehem 5 anzjani Pauline Bonnici, Christine Farrugia, Mary Scerri, George Schembri u Rose Vella li jattendu d-Day Centre fejn esebixxew il-prespji mahdumin minnhom waqt id-Day Centre.

- **Pjazza fil-Milied - 14 u 15 ta' Diċembru** Attivita` fuq jumejn ġewwa Pjazza Reggie Miller fejn waqt l-attivita` ngabru donazzjonijiet għall-MCCF. Ġew preżentati ċertifikati lit-**tlieta u hamsin (53)** tifel u tifla li ħadu sehem f'oħloq ornament riciklabbli. Rekord miksub tal-ikbar Gingerbread Man, b'kollaborazzjoni ma' Camilleri Catering.

- ***Mulled Wine*, tema tal-Milied – 18 ta' Diċembru** Attivita` fis-sala fejn juru lin-nisa` kif tagħmel il-mulled wine.

## Inizjattivi

**Inizjattiva Oħloq Maskra għall-Karnival**

Bħalma saret fis-snin precedenti, din is-sena wkoll reġgħet saret l-inizjattiva għat-tfal tal-Fgura bl-isem ta' 'Oħloq Maskra għall-Karnival' fejn kellna 'il fuq minn **tmienja u tletin (38)** parteċipant. Il-maskri kollha saru minn tfal bejn is-sentejn (2) u t-tnax (12)-il sena u kien hemm varjeta` kbira.

**Inpinġu għall-Milied**

Din l-inizjattiva saret annwali u tkun mistennija minn bosta tfal. Tpinġijiet varji u kollha sbieħ b'sinifikat wieħed. Ħadu sehem **tlieta u ħamsin (53)** tifel u tifla sabiex tibqa titrawwem it-tradizzjoni u l-kultura tal-Milied tagħna l-Maltin.

**Kompetizzjoni tal-isbaħ faċċata ta' dar armata għal żmien il-Milied**

Din is-sena wkoll reġgħet saret il-kompetizzjoni tal-isbaħ faċċata ta' dar armata għal żmien il-Milied. Kellna **ħames (5)** faċċati parteċipi fejn tqabbdet ġurija li tqabbdet biex tieħu ħsieb din il-kompetizzjoni. Din il-kompetizzjoni ġiet imtellgħa permezz ta' rigali offruti minn Chain Supermarket.

**Armar fit-toroq għall-Milied**

Bħal kull sena dawn id-dekorazzjonijiet tal-Milied intlaqgħu b'mod tajjeb mill-kommunita` tal-Fgura għax isebbħu t-toroq tal-Fgura. Is-siġra tal-Milied bi struttura tal-ħadid ġiet armata fir-*roundabout* fi Triq Hompesch. Din is-siġra hija għolja 14-il metru, b'bażi forma ta' skorfina fejn din is-sena ġie mkabbar il-bazi sabiex l-istruttura tal-ħadid tgħola ' lfuq minħabba li s-siġra naturali kibret. Dan it-tiżjin tal-Milied żejjen it-toroq tal-Fgura bejn is-27 ta' Novembru 2024 u s-6 ta' Jannar 2025.

**Live Streaming**

Il-Kunsill baqa' jxandar il-laqgħat tiegħu permezz tal-*internet*. Ix-xandir tal-Laqgħat tal-Kunsill huwa aċċessibbli permezz ta' dawn il-*links*:

- http://fguracam1.click2stream.com/
- http://fguracam2.click2stream.com/

# Finanzi

Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2024 jinsab anness ma' dan ir-rapport bħala ANNESS 2.

Hawn taħt wieħed għandu jsib tabella li tikkompara d-dħul u l-infiq għas-snin 2023 u 2024.

| | Perċentwali Total 2024 | SENA 2024 | Żieda jew Tnaqqis fuq is-sena ta' qabel | Perċentwali Total 2023 | SENA 2023 |
|---|---|---|---|---|---|
| | % | € | € | % | € |
| **Dħul** | | | | | |
| Mill-Gvern | 89.29 | 838,548 | 96,680 | 89.89 | 741,868 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | 3.8 | 35,663 | 27,404 | 1 | 8,259 |
| Dħul Supplimentari | - | - | | - | - |
| Grants Released | - | - | - | - | - |
| Minn Bye Laws | 3.46 | 32,456 | -10,167 | 5.16 | 42,623 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 0.51 | 4,764 | -1,219 | 0.72 | 5,983 |
| Ġenerali | 2.94 | 27,697 | 1,155 | 3.22 | 26,542 |
| **Total** | 100 | **939,128** | **113,853** | 100 | **825,275** |
| **Infiq** | | | | | |
| Is-Salarji | 17.13 | 225,198 | 51,871 | 19.25 | 173,327 |
| Manutenzjoni u Xogħolijiet | 11.92 | 156,756 | 75,924 | 8.98 | 80,832 |
| Servizzi Kuntrattwali | 30.41 | 399,816 | 107,753 | 32.43 | 292,063 |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | 39.99 | 525,753 | 179,846 | 38.41 | 345,907 |
| Dħul u Spejjeż oħra | 0.54 | 7,110 | -1,250 | 0.93 | 8,360 |
| **Total** | 100 | **1,314,633** | **414,144** | 100 | **900,489** |
| **Deficit** | | **-375,505** | **-300,291** | | **-75,214** |

# Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera, lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, kif ukoll l-għaqdiet tal-lokal tal-kollaborazzjoni tagħhom. Dan ix-xogħol kien maħsub, ippjanat u mwettaq mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni u l-ħidma ta' kulħadd.

Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

**ANNESS**

- Rapport ta' ħidma tal-Kunsilliera għas-sena 2024
- Business Plan għas-Snin 2022 -2026
- Financial Statements għas-sena 2024